



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

5382/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0397 (NLE)

---

---

UK 9

#### ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali stabbilit skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-użu tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali għat-trażmissjoni tad-data bejn l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' kollegament.

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fil-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali  
stabbilit skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni  
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda,  
u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra,  
fir-rigward tal-użu tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni  
dwar is-Sigurtà Soċjali ghat-trażmissjoni tad-*data* bejn l-istituzzjonijiet  
jew il-korpi ta' kollegament.**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 48, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> (“il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni”), ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021, wara li ilu japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021.
- (2) Skont l-Artikolu 778(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Protokolli u l-Annessi ta' dak il-ftehim jiffurmaw parti integrali minnu. F'konformità mal-Artikolu 783(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, mid-data minn meta dak il-ftehim kien applikat proviżorjament, ir-referenzi għad-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu għandhom jinftehm bħala referenzi għad-data minn meta dan kien applikat proviżorjament.

---

<sup>1</sup> ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

- (3) L-Artikolu 8(4)(c) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jagħti s-setgħa lill-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali (il-“Kumitat Speċjalizzat”) biex jadotta deċiżjonijiet, inkluż emendi, u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-materji kollha fejn dak ikun previst f’dan il-ftehim. F’konformità mal-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, id-deċiżjonijiet adottati minn kumitat huma vinkolanti fuq il-Partijiet.
- (4) Skont l-Artikolu SSCI.71(4) tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (il-“Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali”), għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta’ dak il-protokoll, ir-Renju Unit jista’ jieħu sehem fl-Iskambju Elettroniku ta’ Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali u jgħarrab il-kostijiet relatati.
- (5) Skont l-Artikolu SSCI.4(2) tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali, it-trażmissjoni tad-data bejn l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta’ kollegament tal-Istati Membri u tar-Renju Unit tista’, soġġett għall-approvazzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat, titwettaq permezz tal-Iskambju Elettroniku ta’ Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali. Sa fejn il-formoli u d-dokumenti jiġu skambjati permezz tal-Iskambju Elettroniku ta’ Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali, dawn għandhom jirrispettaw ir-regoli applikabbli għall-Iskambju Elettroniku ta’ Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali.

- (6) L-użu tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri u r-Renju Unit, l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-persuni li jiċċaqilqu bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, peress li jiżgura skambju aktar rapidu, preċiż u sigur ta' informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali skont il-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali. Għalhekk jenħtieġ li l-Kumitat Speċjalizzat jadotta deċiżjoni biex japprova t-trażmissjoni tad-data permezz tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat, peress li d-deċiżjoni prevista se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali stabbilit bl-Artikolu 8(1)(p) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, hija stabbilita fl-abbozz ta-deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*<sup>#</sup>

---